MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 320/2008

**Harbour Management Limited (C-29326)**
**vs**

**Andrew Debono (ID30663M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf tmien mija u tnax-il ewro u sittax ewro centezmi (€1,812.16) gja seba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin (LM777.96) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuti ghal servizzi ta' rmegg f'Manoel Island Marina, ghad-dghajsa bl-isem ta' 'Lellison' u ghall-provvista ta' ilma u elettriku lill-istess dghajsa fl-istess Marina, liema servizzi gew rezi fuq inkarigu u struzzjonijiet tieghek stess u sa llum ghadhom mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li preliminarjament l-azzjoni attrici in kwantu ghall-provvista ta’ ilma u elettriku hija preskritta a tenur ta’ l-artiklu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Illi mill-bqija fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriuzlta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti ezebiti kollha fl-atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Andrew Debono, Pierre Balzan, David Debono u Charmaine Galea Triganza,

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li permezz ta’ nota datata 14 ta‘ Mejju, 2009, s-socjeta’ attrici, rriduciet it-talba taghha ghal elf sebgha mija u tnax-il ewro u sitta u tmenin ewro centezmi (€1712.86).

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ghal servizzi ta’ rmegg allegatament dovuti lis-socjeta’ attrici mill-konvenut, ghad-dghajsa tal-konvenut bl-isem ‘Lelison’, liema servizzi skont il-kovenut kienu mhallsin. Illi l-konvenut issolleva wkoll li l-azzjoni ta’ l-ilma u eletriku hija preskritta a tenur ta’ l-artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jirrizulta li l-konvenut Andrew Debono kellu dghajsa bl-isem ‘Lelison’ li kienet irmeggjata fil-marina ta’ Manoel Island, Gzira mas-socjeta’ attrici. Illi dak il-kont kien isejjah ix-xhur bejn Lulju u Dicembru tas-sena 2004. Mall-kont ta’ l-ormegg kien hemm ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma. Illi

dan il-kont kien ghadu ma thallasx mill-konvenut li sussegwentement irrizulta li kien biegh l-istess dghajsa. Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici rrizulta li fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 hija rrinuzjat ghal hlasijiet tad-dawl u ilma. Illi ntqal ukoll illi s-socjeta' attrici qatt ma kellha problemi ta' hlas ma dan il-klijent qabel din il-kawza.

Illi skont il-konvenut jirrizulta li huwa kien hallas il-kont li kellu mas-socjeta' attrici in kontanti f'Dicembru tal-2004 u kien hallas ghall-in circa seba' mitt Liri Maltin (LM700) ta' dak iz-zmien li-iskrivana impjegata mas-socjeta' attrici. Illi din id-dghajsa giet mibjugha mill-konvenut fl-2007 u qabel l-ittra li kien ircieva fl-2008 huwa qatt ma kien sema' mis-socjeta' attrici. Illi peress li huwa kien biegh id-dghajsa huwa ma baqax izomm il-karti inkluz l-ircevuta li kien inghata mis-socjeta' attrici. Qal ukoll illi huwa ma kienx irrisponda ghall-ittra interpellatorja ta' Marzu 2008 ghaliex dak iz-zmien ma kienx jiflah.

Ili skont David Debono ex-impjegat tas-socjeta' attrici kkonferma li huwa kien jahdem fl-'*accounts department'* tas-socjeta' attrici u kien responsabbli ghall-irkuprar tad-debiti. Illi fost id-debituri kien hemm kont pendenti ta' Andrew Debono u kkonferma li l-ammont dovut kien l-ammont fit-talba. Illi sa Lulju, 2008 il-konvenut ma kienx ghadu hallas dan l-ammont. Ix-xhud semma dik id-data in partikolari ghaliex huwa ma baqax jahdem mas-socjeta' attrici minn Lulju, 2008. Illi qal ukoll li huwa kien ha '*over'* id-debituri fl-2006 u kien staqsa kemm-il darba lill-konvenut sabiex jipproducielu l-iricevuta tal-allegat hlas li kien sar fl-2004, izda l-konvenut qatt ma kien ipproducielu dan id-dokument. Xehed ukoll illi huwa gieli cempel lill-konvenut dwar dan id-debitu fis-sena 2008 sa kemm kien ghadu impjegat mas-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal m'ghandu ebda dubju li l-konvenut kien jirmegga d-dghajsa tieghu regolarment mall-marina tas-socjeta' attrici. Izda l-problema nqalghet ma l-ahhar kont li kien isejjah perjodu ta' sitt xhur bejn Lulju u Dicembru, 2004. Illi da parti l-kont ta' l-ormegg kien hemm ukoll il-kont tad-dawl u ilma li ammonta ghal sbatax-il ewro u

tnejn u hamsin ewro centezmi (€17.52) illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 ix-xhud Pierre Balzan, direttur tas-socjeta' attrici irrinucja ghal-hlas tad-dawl u ilma, '*in parte'* mertu tat-talba u minhabba tali rinunzja t-Tribunal ha jieqaf hemm fuq dan il-punt.

It-Tribunal, wara li ezamina u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, huwa tal-fehma li ghas-sodisfazzjon tieghu, s-socjeta' attrici ppruvat illi d-debitu mitlub minnhom ghadu ma thallasx. Illi ghalkemm fid-difiza tieghu il-konvenut qal illi huwa hallas in kontanti, qal ukoll illi fl-2007 huwa kien biegh id-dghajsa in kwistjoni u ma zammx il-karti, nkluzi l-iricevuti tal-hlasijiet li kien ghamel ta' l-ormegg. Illi t-Tribunal jidhirlu li l-prova ta' l-iricevuta kienet tkun sodisfacenti ghal kaz tal-konvenut izda fin-nuqqas taghha it-Tribunal ghandu dubbji dwar il-veracita' tal-verzjoni tal-konvenut meta jghid illi huwa kien hallas u ma gab eda prova konvincenti in sostenn ta' dan. Illi rigward telefonata li saret mid-dar tax-xhud David Debono jirrizulta li din saret, izda din hija prova biss ta' telefonata li fil-fehma tat-Tribunal mhijiex prova li ghandha x'taqsam mad-debitu mertu tal-kawza.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min ikun qieghed jallega. Illi fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici allegat debitu mhux imhallas u fil-fehma tat-Tribunal gabet bizzejjed provi konvincenti li l-hlas baqa' ma sarx.

Huwa pacifiku ukoll illi meta l-konvenut eccepixxa li l-hlas kien sar, l-oneru tal-prova dar fuq il-konvenut. Illi huwa principju accettat illi l-prova ta' l-ircevuta mhuwiex indispensabbli bhala prova u ghaldaqstant, il-hlas ghandu jigi ppruvat bi kwalunkwe' mod iehor. Izda fil-kaz in ezami, t-Tribunal m'huwiex morlament konvint illi l-hlas kien sar mill-konvenut. Is-socjeta' attrici qalet illi hija qatt ma kellha problemi ma dan il-klijent u kien dejjem hallas qabel din il-kwistjoni. Illi l-'*accountant*' li kien jahdem mas-socjeta' attrici xehed illi sa meta kien ghadu jahdem mas-socjeta' attrici u cioe' sa Lulju, 2008, il-kont ma kienx thallasx mill-konvenut. Qal ukoll, illi huwa ma kienx gie sfurzat mis-socjeta' attrici sabiex jixhed.

Illi ghalkemm l-oneru tal-prova jibqa’ dejjem fuq min qed jallega d-debitu, kull parti ghandha tipprova l-allegazzjoni taghha.

It-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ipprova adegwatament l-allegazzjoni ta’ hlas minnu w huwa proprju minhabba din l-inadegwatezza li din il-prova daret a favur tas-socjeta’ attrici. Illi fil-kaz in ezami ma ngabitx il-prova ta’ hlas permezz ta’ ricevuta izda il-konvenut ma gab ebda prova b’mezzi ohra. In konkluzjoni, t-Tribunal jifhem illi ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici *‘in parte’* u jikkundanna lill-konvenut ihallas fis-somma limitata ta’ elf sitt mija sitta u disghin ewro u ghoxrin centezmi (€1,696.20) ghas-servizzi t’ormegg biss.

Bl-imghaxjiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------